TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 55/17-F

**Brian Zammit**

**vs**

**Solar Engineering Ltd.**

Illum 16 ta' Jannar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Marzu, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, sitt mija u sebgħa u disgħin ewro u seba' ċenteżmi (€1,697.07), rappreżentanti nuqqas ta' units li ma ġiex iġġenerat mis-solar system li ġie nstallat mis-soċjeta' ntimata.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, minkejja li attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara servizz ta' solar panels mingħand is-soċjeta' ntimata sabiex ikun jista' jnaqqas il-konsum u jieħu l-flus mingħand il-gvern u skond l-istess rikorrenti meta dan ġab ir-readings, l-average kien 18 meta suppost meta xtara ġie nfurmat li l-average kien 22 u dan skond ir-*request for service number 16232* li hemm imniżżel għal darbtejn.

Is-soċjeta' ntimata qalet illi n-numru 22 kellu jkun sempliċiment il-maximum u indikazzjoni għax fix-Xitwa ma jagħtix daqskemm jagħti fis-Sajf.

It-Tribunal, jinnota illi fuq ir-*request for service* hemm imniżżel 22 għal darbtejn u li anke ħa konjizzjoni tar-readings li ġie ppreżentat mir-rikorrenti jirriżulta li huwa ta' ċirka 18. It-Tribunal iħoss illi l-intimat għandu l-obbligu li jagħti fid-dettal għal xiex dieħel ir-rikorrenti għax huwa l-bniedem li jifhem u mhux ir-rikorrenti, u meta jbiegħ irid jagħti d-dettalji eżatti.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u b'ekwita' jiddeċiedi li jagħti nofs l-ammont li qed jitlob u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mija, u tmienja u erbgħin ewro, u erbgħa u ħamsin ċenteżmi (€848.54), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u dan il-ħlas qed isir ta' darba biss.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**